# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 87**

**L-Erbgħa 23 ta' Novembru, 2016**

Il-Kumitat Amministrattiv St Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo – *Chairperson*
Nicholas Azzopardi – Membru
Joseph Agius – Membru
Norman Clews – Membru

**Skużati jew ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

**87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

87.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Luciano Farrugia u fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi, il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

87.2.1 Il-minuti tas-86 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

## 87.3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

87.3.1 Dwar id-dawl fi Ġnien il-Mistrieħ, iċ-*Chairperson* qal li d-dawl f'dan il-post kien ġie rranġat u qiegħed jixgħel.

87.3.2 Rigward l-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv, iċ-*Chairperson* qal li kien iddiskuta din il-materja ma' uffiċjali mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali kif ukoll mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

87.3.3 Dwar il-korrispondenza u t-talba tar-residenti biex isiru *road humps* fi Triq l-Għakrux, iċ-*Chairperson* qal li kienu qiegħdin jinstabu l-aħjar żewġ postijiet fit-triq fejn għandhom isiru dawn ir-*road humps*. Iċ-*Chairperson* żied jgħid li resident kien diġa offra li waħda mir-*road humps* issir quddiem id-dar tiegħu.

87.3.4 Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-*bus shelter* li huwa propost biex isir fi Triq l-Għakrux fil-viċinanzi ta' Triq in-Naħla u qal illi s-Sur Joseph Agius kien tkellem mas-Sur Kevin Zahra, impjegat ta' Transport Malta, bil-ħsieb li din il-*bus shelter* isir fi żmien qasir.

87.3.5 Is-Sur Bartolo semma lment li kien irċieva biex Triq Dun Salv Sciberras issir *one way* minn Triq il-Berebis u biex isiru linji bojod f'din il-parti ta' dawn it-toroq.

87.3.6 Iċ-*Chairperson* qal li flimkien mas-Sur Joseph Agius kienu ltaqgħu mal-Ispettur tal-Għassa ta' Ħaż-Żabbar Christabelle Chetcuti fejn fost affarijiet oħra ġiet diskussa l-problema ta' vandaliżmu fi Ġnien il-Mistrieħ. Iċ-*Chairperson* qal li l-Ispettur kienet talbitu d-dettalji tal-membri tal-Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Clews qal li għandu jkun hemm persuna mill-Kumitat li jkun *liason* bejn il-Kumitat u l-Pulizija tad-Distrett.

87.3.7 Iċ-*Chairperson* qal li kien irċieva lmenti dwar ipparkjar ta' vetturi fil-parti d-dejqa tat-triq ta' maġenb iċ-ċimiterju li tinsab fil-konfini tal-Kalkara. Is-Sur Clews issuġġerixxa li dan l-ilment jitressaq lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

## 87.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

87.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

## 87.5 Dawl ġdid fi Triq il-Profs. J.G. Baldacchino

87.5.1 Dwar l-istima għal arblu tad-dawl ġdid fi Triq il-Profs. J.G. Baldacchino, iċ-*Chairperson* qal li l-kuntrattur Nexos Lighting kien ppreżenta stima għal dan ix-xogħol, liema spiża tammonta għal €765.47 (VAT inkluż). Is-Sur Agius qal

li kien ser jitlob lil Nexos Lighting jagħti aktar dettalji ta' x'materjal u xogħol huwa nkluż f'dan l-ammont.

87.5.2 Fl-aħħarnett, is-Sur Clews issuġġerixxa li l-Kumitat jibgħat messaġġ ta' awgurju għall-Milied u s-Sena t-Tajba lir-residenti billi jitwaħħal messaġġ fin-*notice boards* li hemm fiż-żona ta' St Peter.

**87.6 Mozzjonijiet**

87.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub

**87.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

87.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-88 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru, 2016.

**IFFIRMATA**

Mario Bartolo
*Chairperson*